**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

### SEDUTA NRU. 2 – IT-TLIETA, 8 TA' LULJU 2014

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Assenti: | Joe Micallef | Viċi *Chairperson* |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 1 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1. Iċ-*Chairperson* semmiet l-ittra li rċiviet mingħand is-Sur Mario Hili minħabba l-istorbju li qiegħed ikun hemm fi *Splash & Fun Park.* Dan kawża għal xi discos li qegħdin isiru għall-istudenti. F'dan ir-rigward is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex nibagħtu ninfurmawh li l-Kumitat m'għandux x'jaqsam il-għaliex biex isiru, l-organizzaturi ma jirrikjedux permessi mill-Kunsill.

2.2. Iċ-*Chairperson* tkellmet dwar ir-responsabilitajiet tal-membri.

2.3. Is-Sinj. Vella se tibqa' tieħu ħsieb il-korsijiet tal-isports.

2.4. Is-Sinj. Cuomo inkoraġġiet lill-membri sabiex jagħmlu *shares* tal-*posts* tagħhom fuq il-*facebook* tal-Kumitat.

2.5. Is-Sinj. Cuomo ipproponiet lis-Sinj. Vella sabiex tikkuntattja lis-Sur Stefan Riolo tal-i*Starlites Naxxar Basketball Club* sabiex tiddiskuti miegħu l-possibilità li l-istess klabb iġib miegħu l-apparat meħtieġ f'Baħar iċ-Ċagħaq ħalli jħarreġ lit-tfal li jkun hemm jilagħbu fuq iz-zuntier tal-Knisja. Hekk it-tfal ikollhom sfog filwaqt li jonqos il-vandaliżmu.

2.6. Is-Sinj. Vella wriet it-tħassib tagħha dwar il-konsistenza tal-impenn tat-tfal. Is-Sinj. Cuomo sostniet li s-Sur Riolo qalilha li anke jekk stess ikun hemm imqarr żewġt ti tfal, it-taħriġ isir xorta bit-tama li l-interess jiżdied.

2.7. Is-Sinj. Cuomo għaddiet għar-responsabilitajiet tas-Sinj. Muscat.

2.8. Is-Sinj. Muscat se tibqa' taħdem f'kollaborazzjoni ma' Fr Paul Attard ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Dan fid-dawl tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, logħob tat-tombola u ġiti oħra għar-residenti f'Baħar iċ-Ċagħaq.

2.9. Is-Sinj. Abela se tkun responsabbli mis-sotto kumitat li fil-ħsieb jitwaqqaf sabiex joħorġu b'ideat kif ukoll jaħdmu għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet f'Baħar iċ-Ċagħaq.

2.10. Min-naħa l-oħra s-Sinj. Cuomo qalet li hi se tibqa' tieħu ħsieb kwistjonijiet ta' talbiet għall-manutenzjoni ta' toroq, bankini, ħsara ta' bozoz, nuqqasijiet fi Ġnien Santa Marija tal-Anġli, fost l-oħrajn.

2.11. Is-Sinj. Cuomo semmiet ir-risposta li ħadna mingħand is-Sinj. Ruth Camilleri dwar l-ittra li bagħtilha l-Kunsill fir-rigward tal-ħmieġ tal-klieb.

2.12. Iċ-*Chairperson* talbet sabiex isiru żewġ tabelli maġenb l-entratura għall-Knisja, jiġifieri min-naħa ta' Triq ix-Xambekk, li jindikaw li sidien il-klieb għandhom jiġbru l-ħmieġ tal-klieb tagħhom.

2.13. Intqal ukoll li għandha ssir ittra lill-Ministru Mizzi fejn tintalab li ssir ir-rikostruzzjoni tal-bankina ta' Triq Xatt il-Palm kif ukoll tad-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Dan biex jikkompensa r-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq wara n-numru sostanzjali ta' trakkijiet li qegħdin jgħaddu mit-toroq tagħhom kif ukoll l-ammont eċċessiv ta' trabijiet li qegħdin jiffaċċjaw miegħu l-istess residenti.

## 3. ATTIVTÀ *ARTS IN THE PARK* 2014

3.1. Kien hemm qbil unanimu li l-attività għal din is-sena ma ssirx minħabba l-proġett li għaddej ta' Triq il-Kosta. F'dan id-dawl is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex jikteb lid-Dipartiment li l-attività mhix se ssir minħabba f'din ir-raġuni kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' fondi li hemm allokati għaliha.

3.2. Intlaħaq ftehim li għandu jsir tentattiv sabiex jifforma sottokumitat sabiex jibda jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-attivitajiet.

3.3. Għal dan is-sotto kumitat issemmew is-Sur Archibald Attard, is-Sur Nick O'Neil kif ukoll zewġ membri oħra. Ma' dawn se jkun hemm is-Sinj. Abela.

3.4. Ix-xogħol tas-sotto kumitat se jkun li jieħu ħsieb isib *sponsors*, jaħdem fuq il-programm kif ukoll isib kuntatti.

3.5. Apparti l-laqgħat li se jibda jkollhom is-sottokumitat, 'il quddiem jibdew isiru wkoll laqgħat li jlaqqgħu flimkien il-membri tas-sottokumitat kif ukoll tal-Kumitat Amministrattiv.

3.6. Iċ-*Chairperson* talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħaddilha numru ta' kopji tas-*survey* li kien diġà tqassam xi snin ilu sabiex hi flimkien mal-membri jduru triq triq u jħabbtu kull residenza. Dan is-*survey* hu intenzjonat sabiex il-Kumitat ikollu kuntatt tar-residenti li għandhom talent partikolari u li huma interessati li jużawh kemm-il darba l-Kumitat jorganizza xi attività.

## 4. IS-SITWAZZJONI TA' ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI

4.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-email li rċiviet mingħand id-Direttur Ġenerali Ray Farrugia tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet. L-email tgħid li sar kuntratt ġdid mal-ELC sabiex jieħu ħsieb l-Ġnien ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Fl-email kien hemm miktub ukoll li t-turf se jneħħuh.

4.2. Iċ-*Chairperson* fakkret lill-Kunsill fix-xogħol li għandu jesigwixxi fuq il-bankijiet u l-bins.

4.3. Iċ-*Chairperson* żiedet tgħid li l-cameras kif ukoll il-funtana għadhom bil-ħsara.

4.4. Is-Sinj. Muscat irrimarkat dwar il-fidiferru perikoluż li hemm fil-Ġnien, liema fidiferru jservi bhala support għas-siġar sabiex jibqgħu dritti. F'dan id-dawl il-Kunsill se jagħmel pajp ikkulurit imdawwar mal-fidiferru sabiex ma jibqax ta' periklu.

4.5. Kien hemm qbil unanimu li għandu jsir *artificial turf* minflok il-haxix fil-*mini pitch* tal-Ġnien.

4.6. Il-membri lkoll qablu li l-Kumitat għandu jieħu ħsieb il-manutenzjoni tat-tabelli l-għaliex il-messaġġ tagħhom m'għadux ċar.

4.7. Is-Sinj. Muscat ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li s-siġar li jmissu ma' Triq l-Arzella għandhom bżonn jinżabru.

**5. ATTIVITAJIET SPORTIVI**

5.1. Is-Sinj. Vella nfurmat lill-membri li bhalissa għaddejjin żewġ klassijiet Zumba li qorbu biex jispiċċaw filwaqt li l-klassijiet il-ġodda huma mistennija jibdew f'Ottubru 2014.

5.2. Il-klassijiet li huma fil-ħsieb li jiġu organizzati huma l-Pilates, Zumba u Aerobics.

**6. RAPPORT FINANZJARJU**

6.1. Is-SE ippreżenta ir-rapport finanzjarju lill-membri tal-Kumitat.

6.2. Finalment ġie deċiż li dan se jkompli jiġi diskuss fil-laqgħa segwenti wara li l-istess rapport isirulu xi emendi.

**7. *DOG FRIENDLY BEACH***

7.1. Is-Sinj. Vella sostniet li faċċata tal-bajja ta' wara Las Palmas hemm ħafna ħaxix.

7.2. Issemmiet il-problema kbira li qegħdin joħolqu l-caravans.

7.3. F'dan id-dawl is-SE ippropona sabiex issir press release minħabba dawn l-istess inkonvenjenzi. Hekk is-SE talab lill-membri sabiex jipprovdulu r-ritratti li jixhdu dawn in-nuqqasijiet.

7.4. B'żieda mal-Press Release s-Sinj. Cuomo esprimiet l-idea li ssir ittra lill-Prim Ministru. Fl-ittra se jissemmew l-ammont sostanzjali tal-caravans, in-nuqqas ta' organizzazzjoni tat-traffiku, l-klijentela ta' Las Palmas, il-bejjieħ tal-ġelati, eċċ.

7.5. Qabel ma tintbagħat l-ittra, l-membri mistennija jimmarkaw in-nuqqasijiet kollha fuq pjanta taż-żona.

**8. *BIRTHDAY CLUB AND CONDOLENCES***

8.1. Is-Sinj. Abela pproponiet sabiex tibda titqassam kartolina ta' kondoljanzi lill-familjari ta' dawk ir-residenti li jkunu mietu.

8.2. Għaldaqstant is-Sinj. Abela se titlob lil Fr Paul Attard sabiex iżomm lill-Kumitat aġġornat.

**9. ĦWEJJEĠ OĦRA**

9.1. Is-Sinj. Muscat ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li minkejja li kienet intbagħtet ittra, lir-residenti li joqogħdu maġenb il-Knisja ta' Baħar iċ-Ċagħaq sabiex jieħdu ħsieb jiżbru s-siġra filwaqt li jagħmlu xiħaġa għaz-zokk, baqa' ma sar xejn.

9.2. Finalment ġie deċiż li s-Sinj. Muscat se tmur tkellimhom personalment.

9.3. Is-Sinj. Muscat semmiet it-tabella tan-No Entry li tinsab imdawra fi Triq ir-Ridott.

9.4. Is-Sinj. Abela ħarġet b'suġġeriment li jsir l-immarkar tal-i*Stop* fil-ħruġ ta' *Star Estate Complex*. Madankollu ġiet mgħarfa li l-Kunsill ma jistax jikkunsidra din il-proposta minħabba li l-art imsemmija hija privata.

9.5. Is-Sinj. Abela żiedet tgħid li hemm bżonn xogħol ta' *refreshing* tal-marki tat-traffiku fi Triq Anton Manwel Caruana.

**10. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS**

10.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 26 ta' Awwissu, 2014 għas-6:00pm.

10.2. Is-SE ġibed l-attenzjoni li se jkun hemm tul bejn laqgħa u oħra ta' aktar minn ħames ġimgħat li tispeċifika l-liġi. Madanakollu, minħabba li l-membri kellhom ħafna impenji, ma setgħetx tinstab data aktar fil-viċin u għalhekk kien hemm qbil unanimu li d-data tibqa' s-26 ta' Awwissu biex takkomoda l-membri kollha.

10.3. Il-laqgħa ntemmet fit-8:00pm.

Mary Anne Cuomo
**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**